MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 386/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Carmel Saliba**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Saliba, bin John u Josephine nee` Saliba, imwieled nhar l-10 ta’ Gunju 1955, c/o Kunsill Lokali, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 38055(G) li gie akkuzat talli nhar il-15 ta’ Ottubru 2009 fi ‘Triq il-Ponta, kantuniera ma’ Triq is-Sellum, Zebbug, Ghawdex:

1. fil-kwalita` tieghu bhala Sindku taz-Zebbug, Ghawdex, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu

gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor meta ordna li jintefa' konkos fil-proprjeta` ta' Joseph Magro.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn Euro (€200).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Saliba minnu prezentat fis-6 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza kif irrizultaw mill-provi jistghu jigu riassunti kif gej:

F'Novembru 2002 Joseph Magro, proprjetarju ta' sit li jinsab f'tarf Triq il-Ponta, kantuniera ma' Triq is-Sellum, iz-Zebbug Ghawdex, applika mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jissosstitwixxi hajt tas-sejjieh ezistenti madwar is-sit imsemmi b'hajt tal-kantun. Il-permess inhareg f'Settembru 2003 bil-kondizzjoni li fil-kantuniera tieghu il-hajt kellu jidhol 'il gewwa xi ftit piedi. Magro ghamel ix-xoghol kif rikjest izda billi fil-kantuniera l-hajt, kif kien mehtieg skont il-kondizzjonijiet tal-permess, dahal 'il gewwa dan spicca biex inholoq spazju vojt mhux mwitti bejn il-hajt fil-pozizzjoni gdida tieghu u fejn kien jispicca t-tarmak qabel twaqqa' l-hajt originali. L-ispazju li nholoq kien f'livell aktar baxx mill-parti tal-art li kienet bit-tarmak u l-Kunsill Lokali deherlu li d-dizlivell li nholoq kien ta' periklu ghall-pubbliku. Ghalhekk il-Kunsill baghat lil haddiema sabiex jirrangaw dak l-ispazju izda twaqqfu minn Magro milli jkomplu bix-xoghlijiet u dan peress li Magro kien jirritjeni li kien proprjetarju ta' l-art fejn kien hemm dan l-ispazju. Ix-xogholijiet waqfu u ntlahaq ftehim li dawn ma jissoktawx qabel Magro jigi kumpensat tal-art in kwistjoni li issa giet 'l

barra mill-hajt konfinjanti l-art tieghu kif kien ordnat li jsir mill-MEPA. Ghal perjodu ta' hames snin ma sar xejn u Magro baqa' bla kumpens. Wara hames snin, Magro kien sejjer il-Qorti biex jixhed u ra xi haddiema tal-Kunsill jaghtu l-konkos hdejn ic-cimiterju taz-Zebbug fil-prezenza tal-imputat li kien is-sindku taz-Zebbug. Wara li Magro spicca mill-Qorti u kien sejjer lura u ghadda minn hdejn l-art tieghu huwa sab li fl-ispazju vojt parti mill-art tieghu li kienet baqghet barra l-hajt tieghu kienet nksiet bil-konkos minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu. Il-konkos kien inghata fuq struzzjonijiet tal-imputat li kien ircieva rapport li l-ispazju msemmi kien jikkostitwixxi periklu ghaliex persuna bil-wheelchair kienet kwazi waqghat minn fuq il-wheelchair meta giet mrassa minn karozza ghal fuq l-ispazju mhux moghti t-tarmak.

Ikkunsidrat:

Illi hawn si tratta tar-reat hekk msejjah ta' ragion fattasi li l-elementi tieghu huma ben stabbiliti bhala li jikkonsistu fi: (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti filli huwa jsostni illi l-ewwel element imsemmi ma jissusisstix fil-kaz odjern ghaliex ma ngiebetx prova li l-ispazju li inghata l-konkos kienet fil-pussess jew imqar qed tigi imgawdija mill-kwerelant ghaliex irrizulta li l-ispazju msemmi "ma kienx fil-pussess esklussiv tal-ebda persuna u anzi kienet qed tigi uzata mill-pubbliku in generali bl-aktar mod ampju u liberu". Il-fatt li haga ma tkunx fil-pussess ta', jew qed titgawda minn, persuna wahda biss ma jfissirix li ma tkun fil-pussess ta' hadd izda tfisser li tkun fil-pussess ta', jew qed titgawda minn, pluralita' ta' persuni. Il-fatt li l-haga setghet kienet ukoll fil-pussess ta', jew qed titgawda, mill-pubbliku jfisser li kienet ukoll fil-pussess ta', u qed

titgawda minn, Joseph Magro daqs kemm kienet fil-pussess ta' u qed titgawda minn kwalunkwe membru mill-pubbliku u dan ghaliex ukoll Magro ma zvestix ruhu mill-pussess li kellu qabel ma gie kostrett mill-awtorita' pubblika jregga lura l-hajt konfinanti l-art tieghu. Dan l-imputat kien jafu tant li xi snin qabel kien gja baghat kuntrattur sabiex jaghmel ix-xoghol tal-konkos izda twaqqaf minn Magro u l-appellant accetta li jieqaf sakemm Magro jithallas tal-ispazju in kwistjoni mill-Gvern. Ghalhekk l-appellant kien jaf li Magro kien jivvanta drittijiet ta' pussess fuq l-istess art u da parti ta' Magro kien hemm id-divjet espress li l-ispazju in kwistjoni jinghata l-konkos mill-appellant jew fuq struzzjonijiet tieghu qabel ma Magro jithallas tal-ispazju msemmi.

L-appellant jaghmel accenn ghal decizjonijiet tal-Qorti li jghidu li f'kazijiet ta' *ragion fattasi* id-dover tal-Qorti kien li tippreserva l-*istatus quo* izda skont l-appellant li *status quo* fi zmien li harget l-akkuza fil-kaz odjern kien jikkonsisti f'art li kienet u ghada tintuza mill-pubbliku bhala parti mit-triq u ghalhekk dan hu l-fatt li kellha tippreserva l-Qorti. Izda din hi biss parti mill-verita' ghaliex li *status quo* kien jikkonsisti wkoll fil-fatt li l-art, anki bi ftehim mal-imputat stess, kellha tibqa' fl-istat li kienet minghajr konkos sakemm Magro jithallas tal-art in kwistjoni li sa llum jirrizulta ghadu ma thallasx.

Illi l-appellant fix-xhieda tieghu spjega li huwa ta struzzjonjoijiet sabiex l-art tinghata l-konkos ghaliex gie rappurtat lilu li l-art minghajr il-konkos kienet tikkostitwixxi periklu izda l-Qorti ma hix sodisfatta li, jekk kien hemm tali perikolu, l-uniku mod kif dan seta' jitnehha kien billi jinghata l-konkos kontra d-divjet esplicitu ta' Magro.

Finalment il-Qorti tirrileva li l-element materjali tar-reat kif definit fl-artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali taghna jikkonsisti wkoll fil-fatt li xi hadd "… b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor", u certament l-ghemil tal-appellant kif fuq deskritt jinkwadra f'din id-deskrizzjoni tal-element materjali tar-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrispingi l-aggravju tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------